MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Talba Numru. 425/2005

**Albert Abela**

**vs**

**Bernard Zahra**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta Frar 2005, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat jhallas lill-attur is-somma ta' seba mija u sebgha u hamsin lira sebgha u erbghin centezmu (Lm757.47) rapprezentanti prezz ta prodotti ta karozzi mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-16 ta Gunju 2005 fejn ikkontesta t-talba fis-sens li l-ammont dovut kellu jkun ferm anqas.

Ra li fis-seduta tad-9 ta Novembru 2005 gie dikjarat mill-partijiet li kien hemm possibbilita ta transazzjoni;

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);
Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-8 ta' Frar 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' seba mija u sebgha u hamsin lira sebgha u erbghin centezmu (Lm757.47) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta' dana l-att u bl-ispejjez ta' dina l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------